MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 87

18 ta' Diċembru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 87 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Viċi Sindku D. Vella li għarraf illi kien indispost permezz ta' imejl datat 18 ta' Diċembru 2017.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

### Kondoljanzi

Is-Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-mewt ta' ommu - is-Sinjura Mary Buttigieg – li ġrat fl-11 ta' Diċembru 2017. Is-Sur J. Buttigieg irringrazzja lil dawk kollha li attendew il-funeral jew li b'xi mod urew is sogħba tagħhom għall-mewt ta' ommu.

Il-Kunsillier J. Gauci wera d-dispjaċir tiegħu li ma setax jattendi għall-funeral, minħabba li kien imsiefer.

Fuq proposta tal-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill osserva minuta silenzju.

## 1.0. Minuti

Il-minuti tas-seduta Nru. 86 tat-28 ta' Novembru 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Ma tqajmu ebda materji mill-minuti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 16/12/17;
- Skeda ta Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 09/11/17 – 01/12/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/11/17 – 16/12/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2018.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tisbiħ tat-taraġ fi Triq Adenau (T/4/10/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għall-azzjoni diretta meħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar żvilupp li sar mhux skont il-permess (PA 596/16) fit-taraġ ta' Triq Adenau mill-proprjetarji tal-Pergola Club Hotel. Saret ukoll referenza għal-imejl datat 7 ta' Diċembru 2017, fejn iċ-Chairman Eżekuttiv tal-istess Awtorità, għalkemm indika li l-madum mqiegħed mill-iżviluppaturi huwa aċċettabbli minn naħa tagħhom, huwa talab l-opinjoni tal-Kunsill Lokali dwaru. L-ispeċifikazzjonijiet tal-istess madum kienu mehmuża mal-korrispondenza.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinżamm il-madum eżistenti, sakemm dan huwa addattat li jitqiegħed fuq barra u ma jiżloqx meta jixxarrab.

4.1.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li huwa importanti li t-taraġ ikun imdawwal, partikularment meta jintfew id-dwal tal-lukanda li hemm biswit.

4.1.5. Is-Sindku qal li l-operatur tal-Pergola Club Hotel għandhom l-intenzjoni li jerġgħu jinstallaw sistema ta' dwal fit-taraġ u appellaw lill-Kunsill sabiex dan jitqabbad mad-dwal tat-toroq. Is-Sur J. Buttigieg, ippropona li bħala miżura temporanja tista' terġa' titwaħħal il-lampa li kien hemm fuq arblu f'nofs it-taraġ, li inqalgħet meta nbniet il-blokka biswitha. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li din terġa titwaħħal bil-permess tas-sid.

4.1.6. Il-Kunsill approva s-suġġeriment skont il-minuta 4.1.5. aktar 'il fuq.

### 4.2.1. Kampanja "Suq bil-Għaqal" (T/4/7/Vol II)

4.2.2. Inqrat Ċirkulari AKL 106/17 datata 4 ta' Diċembru 2017, fejn intqal li l-Aġenzija LESA ser tkompli bil-kampanja msemmija bis-sehem tal-Kunsilli Lokali. Ġie spjegat li din hija ntiża sabiex iż-żgħażagħ isuqu bil-galbu. Għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex jinnominaw żewġ żgħażagħ li jixtiequ jgħinu u jkunu parti minn din il-kampanja u jgħaddu d-dettalji tagħhom lill-Aġenzija LESA. Kien spjegat li l-kampanja hija maħsuba li ssir fil-21 ta' Diċembru 2017 bejn l-10:00 u s-13:00 f'diversi lokalitajiet. Miż-żgħażagħ nominati huwa mistenni li:

(a) Dakinhar filgħodu jiltaqgħu fl-uffiċini tal-Aġenzija sabiex jitqassmu fi gruppi zgħar flimkien mal-Gwardjani Lokali u jiġu ndirizzati mill-Ammistrazzjoni tal-Aġenzija; u

(b) Flimkien mal-Gwardjani jduru diversi lokalitajiet għal żmien qasir u jqassmu *stickers* lis-sewwieqa bil-kliem dwar it-tema tal-kampanja.

4.2.3. Il-Kunsill ippropona liż-żgħażagħ Michele Caruana u Gabriel Micallef.

### 4.3.1. Finanzjament taħt il-Mizuri 4.3. tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Diċembru 2017 mid-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej u d-Djalogu Soċjali. Permezz tal-istess ittra, il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni għall-asfaltar mill-ġdid ta' Triq l-Armier iż-Żgħir ma ġietx approvata, filwaqt li ma ngħatat ebda raġuni.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li possibilment għandhom jinġiebu r-raġuni/jiet li wasslu għal din id-deċizzjoni u jitressaq appell sad-data mogħtija.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 16 ta' Diċembru 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*items* 50 u 51 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*Petty Cash* bejn id-9 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2017.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-25 ta' Novembru u s-16 ta' Diċembru 2017.

6.4. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*items* 12, 17 u 33 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. Tħejjijiet għall-*Mellieħa International Christmas Festival* 2017 (A/5/3/7)

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li ġew stampati 40,000 fuljett b'tagħrif dwar l-avveniment imsemmi, kif ukoll saru interventi minnha waqt programmi mtella' fuq Radju Malta, One TV, u Net Television. Hija qalet li qed isiru kuntatti sabiex issir konferenza stampa li jattendi għaliha s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u Komunitajiet – l-Onorevoli Silvio Parnis.

7.3. Is-Segretarju ppropona li jsir rapport dwar is-saħħa u s-sigurtà, bil-għan li l-Kunsill jistabilixxi r-riskji u l-mod kif dawn għandhom jiġu trattati bl-involviment ta' dawk kollha nvoluti.

7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti fil-minuta 7.2. u approva s-suġġeriment skont il-minuta 7.3. aktar 'il fuq.

## 8.1. Fondi ntiżi sabiex jintefqu fuq toroq bit-tarmak (T/4/13/Vol XI)

8.2. Sar aċċenn għal ittra datata 17 ta' Lulju 2017 moqrija fis-Seduta 79 tad-19 ta' Lulju 2017, mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana, fejn kien intqal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jgħaddi €100,000 lil kull Reġjuni sabiex il-Kunsilli msieħba jutilizzawhom fuq tiswija u titjib ta' toroq bit-tarmak. Fil-każ tal-Mellieħa ġew allokati €11,572. Billi s-somma allokata hija baxxa wisq biex ikun jista' isir *resurfacing,* il-Kunsill kien qabel li jsir *patching* bil-*hot asphalt* ta' toroq li diġà huma bit-tarmak fi Triq Ġnien Ingraw u Triq il-Mitħna l-Ġdida. L-istima biex dawn jissewwew tulhom kollha, tammonta għal €8,424.26 fil-każ tal-ewwel, u €32,904.92 fil-każ tat-tieni – total ta' €41,329.18. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' imejl datat 5 ta' Diċembru 2017, mibgħut mir-Reġjun, intqal li biex jingħataw dawn il-fondi, ix-xogħol jrid ikun ċertifikat sat-28 ta' Frar 2018.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata priorità lil Triq Ġnien Ingraw u jsir xogħol sakemm tiġi eżawrita s-somma allokata.

## 9.1. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2)

9.2. Is-Sindku aċċenna li fil-5 ta' Diċembru 2017 kellu jsir l-iffirmar tal-Ftehim ta' Koperazzjoni dwar il-Manutenzjoni tad-Dwal tat-Toroq, liema ftehim ma ġiex iffirmat peress li fost oġġezzjonijiet oħra, kien hemm dik min-naħa tal-Mellieħa għall-klawsola numru 9 tiegħu, li tgħid:

> *9.1. Payments arising from this agreement, and other payment which may be due in connection with the administrative fees shall be collectively paid by the Regional Committee on behalf of the parties.*
>
> *9.2. For the purposes of paragraph 9.1 the Region's Executive Secretary shall issue to each Local Council, within one week from the end of each calendar month, an invoice from the amount due by such Council.*

*9.3. Within one month from receipt of such invoice each Local Council shall pay the amount due to the Committee; a receipt shall be issued for the payment made.".*

9.3. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li għandu jidħol għall-ftehim ta' koperazzjoni, kemm-il darba l-Kunsill jibqa' imexxi l-affarijiet ta' kuljum direttament permezz tal-impjegati tiegħu, sabiex tiġi evitata burokrazzija żejda. Għaldaqstant it-tliet paragrafi ndikati għandhom jitneħħew u jiġu sostitwiti b'paragrafu wieħed biss li jinqara hekk:

*"9.1. Payments related to jobs ordered by the Local Councils parties to this agreement, are to be effected directly at Local Council level, through the invoicing function of the Street Lighting Management System, upon certification by the Contract Manager.".*

9.4. Il-Kunsill approva t-test indikat fil-minuta 9.3. Is-Segretarju għarraf li laqgħa oħra tal-Kumitat Konġunt ġiet appuntata għall-20 ta' Diċembru 2017.

## 10.1. Sejħa għall-offerti MLC 10/2017 – Servizz dwar Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)

10.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fil-15 ta' Diċembru 2017 u kien hemm offerent wieħed – Antoine Fenech.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li s-sottomissjonijiet illi saru għandhom jiġu evalwati minn kumitat kompost mis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo.

## 11.1. Estimi Finanzjarji għall-2018 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju ressaq l-abbozz ta' rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst għas-sena finanzjarja 2017. Ressaq ukoll abbozz ta' dħul previst għall-2018, kontra l-estimi li jinkludu l-proġetti u inizjattivi maqbula mill-Kunsill fis-seduta preċedenti.

11.3. Il-Kunsill iddiskuta l-estimi fid-dettal u qabel li għandu jsir tibdil fl-abbozz imressaq skont ma jidher hawn taħt:

| Vot Nru. | Raġuni għat-tibdil |
|---|---|
| 0015 | Dan il-vot tad-dħul għandu jinkludi fiħ is-somma totali (€58,858) li qed tintalab mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar taħt il-Fond tal-Ippjanar sabiex tiffinanzja l-ispejjeż kollha fuq sistema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin. |
| 2319 | Il-vot għandu jiżdied għal €10,000 biex jagħmel tajjeb għall-introduzzjoni ta' aktar **litter-bins** li jippermettu s-separazzjoni tal-iskart f'postijiet pubbliċi. |
| 3370 | In-nefqa fuq servizzi li jintalbu matul is-sena mit-tliet għaqdiet mużikali tal-Mellieħa għandha tiżdiet għall-€2,500 f'kull każ. |
| 3391 | In-nefqa fuq titjib f'dawk li huma kotba u faċilitajiet fil-Librerija Pubblika għandu jiżdied fuq tas-sena ta' qabel għal €4,800. |
| 7220 | Dan il-vot għandu jinkludi fiħ in-nefqa stmata (€58,858) sabiex tiffinanzja l-ispejjeż kollha fuq sistema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin.<br><br>L-istess vot għandu jagħmel tajjeb għall-introduzzjoni ta' lampi ornamentali fi Triq Dun Manwel Grima, kif diġà sar f'toroq oħra fil-Manikata biż-żieda ta' €15,000 fuq ammont indikat fl-abbozz tal-estimi mressqa. |
| 7521 u 7531 | Il-vot allokat fuq it-titjib tal-faċilitajiet fil-*Playing Fields* ta' Misraħ tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono għandhom ikunu fil-livell ta' €35,000 f'kull każ. Dan sabiex jinbidlu l-bandli u t-tapit tal-lastiku li hemm madwarhom. |

11.4. Huwa qal li dawn l-abbozzi tħejjew *on a cash basis* u għalhekk issa jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-*accountant* sabiex jibdilhom fuq bażi ta' *accruals.* B'hekk jittieħdu in konsiderazzjoni

fatturi oħra bħalma huwa d-deprezzament fuq l-assi permanenti, il-valur tal-i*stocks*, *short* u *long term liabilities*, eċċ.

11.5. Kien hemm qbil li għandhom jsiru żewġ laqgħat tal-lokalità – waħda fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-15 u oħra fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata fis-17 ta' Jannar 2018 fis-7:00 pm.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (S.L.363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2017 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Christian Mifsud, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Doriette Fenech Gambin, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2017, kif jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, meħmuża mal-imsemmija regolamenti;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2017, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.".*** **(Wages)**

12.2. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew imressqa waqt is-seduta mis-Sindku.

12.3. Il-Kunsill approva l-mozzjoni, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 13.1. Laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokal **(K/6/2/Vol V)**

13.2. Is-Sur- J. Buttigieg aċċenna għal-laqgħa msemmija li saret fis-16 ta' Diċembru 2017, liema laqgħa kienet miftuħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki. Huwa qal li fost, is-suġġetti trattati waqt din il-laqgħa kien hemm:

- Intervent mill-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali – l-Onor. Ian Borg – dwar il-programm tal-Gvern Ċentrali fuq medda ta' seba' snin dwar it-toroq u t-trasferiment ta' responsabilitajiet għall-aġenzija li ser titwaqqaf. Il-Ministru aċċenna li huwa maħsub li din titwaqqaf sa nofs l-2018 u parti mix-xogħol tagħha ser tkun konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu identifikati l-prioritajiet li eventwalment jiġu evalwati b'mod xjentifiku, apparti toroq ġodda li jeħtieġ isiru għall-ewwel darba;

- Rwoli għall-Kumitat Reġjonali li jvarjaw mir-responsabilitajiet ġodda fir-rigward tal-Bereġ, u Ċentri ta' Matul il-Jum, fost oħrajn.

- L-intenzjoni tal-Gvern Ċentrali li dawn iżidhom minn ħamsa għal seba' biex jiġu riflessi aktar il-karatterristiċi komuni tal-Kunsilli Lokali msieħba fihom;

- Il-mod kif jinħatar il-President tal-Kumitati Reġjonali bil-possibiltà li dan jiġi elett direttament mill-poplu;

- Emendi fil-*thresholds* tal-Akkwist ta' Oġġetti u Servizzi li ser jidħlu fis-seħħ fl-2018;

- Kompożizzjoni tas-Sotto-Kumitati involuti fl-evalwazzjoni ta' sejħiet għall-offerti;

- Osservazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena finanzjarja 2016; u

- Assenjazzjoni ta' ħaddiema lill-Kunsilli Lokali mid-District Operations Ltd.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1.** ***Malta Olympic Committee Sports Awards*** **(N/1/Vol II)**

14.2. Is-Sindku għamel referenza għan nomina li tressqet tal-Kunsill dwar l-unuri msemmija hawn fuq. Huwa qal illi f'serata li saret fil-lukanda Excelsior fil-Floriana fis-7 ta' Diċembru 2017. il-Kunsill tal-Mellieħa ngħata l-ewwel post minn fost il-Kunsilli li ħadu sehem. Il-Kunsilli ta' Ħal-Qormi u Ħad-Dingli spiċċaw fit-tieni u t-tielet post, rispettivament.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1.** ***Tower Crane*** **fi Triq Ta' Masrija** **(A/6/3/1/Vol 105)**

15.2. Saret referenza għal talba li saret minn kuntrattur li qed jiżviluppa qatgħa fi Triq Ta' Masrija, bejn Triq ir-Rattan u Triq Anthony Sammut. Dan qed jipproponi li jintrama *tower crane* għal diversi xhur fit-triq u ser jokkupa parking bays waħda u l-bankina.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm iż-żewġ karreġġjati jibqgħu miftuħa u jinġiebu *clearances* oħra minn entitajiet governattivi konċernati.

**16.1.** **Laqgħa mal-Komunità Kummerċjali** **(K/10)**

16.2. Is-Sindku ppropona li fit-18 ta' Jannar 2018 fis-2:00 pm issir laqgħa għall-operaturi u sidien ta' negożji bil-għan li jiġu aġġornati bis-servizzi disponibbli dwar il-ġbir tal-iskart, it-traffiku u inizjattivi li twettqu u oħrajn ippjanati. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa wkoll li għandhom jiġu mistiedna kelliema minn Green MT Ltd u mill-GRTU – Malta Chamber of SME's.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta u ttieħdet nota tal-appuntament.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10:00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**